TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 15/14/GB

**Dennis Zammit**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 9 ta' Lulju 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-21 ta' Jannar, 2014, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' tliet mija erbgha u erbghin Ewro (€344.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal pompa, li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, u rapprezentanti wkoll l-ammont ta' ilma li nhela ghax-xahar ta' April, stante illi l-imsemmija pompa kienet difettuża.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Minn ghazla ta' żewġ water heaters, mudell A u mudell B, huwa kien ghazel l-aktar wiehed innovattiva u li jiswa l-flus, u cioe' mudell A. Is-socjeta' ntimata kienet ghamlet l-installazzjoni hija stess ġewwa d-dar tar-rikorrent. Il-pompa eżistenti li r-rikorrent kellu meta s-sistema ġiet installata kienet tal-marka 'Calpeda' u t-teknici tas-socjeta' ntimata kienu rawha pero' ma qalu xejn hazin fuq din il-pompa.

Wara sena u nofs, is-socjeta' ntimata kellha tbiddel it-tank tas-sistema ghax kien ittaqqab. Il-pompa kienet u baqghet l-istess 'Calpeda'. Lanqas din id-darba, hadd mit-teknici tas-socjeta' ntimata ma semma xejn hazin fuq din il-pompa.

Wara xi sena u nofs ohra, it-tank tas-sistema rega' ttaqqab ghat-tieni darba. Din id-darba, is-socjeta' ntimata issuġġeriet illi minflok s-sistema li kienet ġiet installata, u cioe' mudell A, hija

ttieh mudell B (li oriġinarjament kien jiswa inqas flus). Ir-raguni li s-socjeta' ntimata taghtu kien li mudell A ma kenitx ghadha ġġib minnu ghax kien qed ikollha hafna lmenti li jittaqqab it-tank. Ghalkemm ghal bidu r-rikorrent ma riedx jiehu mudell B, fl-ahhar is-socjeta' ntimata kkonvincietu li mudell B innovawh u issa huwa iktar tajjeb fil-kwalita' minn qabel u li dawn ma jaghtux problemi. X'hin ir-rikorrent aċċetta li jiehu mudell B, is-socjeta' ntimata qaltlu li l-pompa 'Calpeda' ried ibiddilha ma wahda 'dual pump' li tiswa tliet mitt Ewro (€300.00). Ir-rikorrent ma aċċettax li jonfoq dan l-ammont ta' flus biex tkun kompatibbli ma' mudell B u ppretenda illi tali ammont kellu jithallas mis-socjeta' ntimata. Is-socjeta' ntimata ma aċċettatx li thallas ghal din il-pompa, u ghalhekk ir-rikorrent talabha li hu jhallas ghall-pompa u terga' tibda l-garanzija mill-gdid. Is-socjeta' ntimata ma aċċettatx u offriet sena biss, li r-rikorrent ma aċċettax. Ir-rikorrent ċeda wkoll li jaqa' ghas-sentejn extra garanzija, pero' s-socjeta' ntimata xorta ma aċċettatx.

Illi ghalhekk, ir-rikorrent talab lis-socjeta' ntimata ttieh mudell A kif kellu oriġinarjament, pero' s-socjeta' ntimata baqghu jinsistu illi jekk taghtih mudell A xorta issa huwa kellu jbiddel il-pompa ghaliex inkella l-garanzija li kienet taghtu fil-bidu meta xtara s-sistema tliet snin ilu ma kenitx ser tibqa' tghodd. Is-socjeta' ntimata ghamilta cara wkoll illi din kienet ser tkun l-ahhar darba li kienet ser tbiddillu s-sitema, anke jekk terga' tmurlu qabel ikunu ghaddew il-hames snin tal-garanzija.

Ir-rikorrent qed jitlob li:

a) jew is-socjeta' ntimata taghtieh mudell A u l-garanzija tibqa' tghodd ghal hames snin kif kienet mill-bidu;

b) jew taghtieh mudell B u l-pompa tiġi mhallsa mis-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrent qed jitlob ukoll kumpens ta' kemm hela ilma minn April 2013 jistenna biex is-socjeta' ntimata tbiddillu t-tank waqt il-garanzija, u cioe' erbgha u erbghin Ewro (€44.00).

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrent xtara solar water heater bil-coil minghandha. Minhabba l-instabbilita' fil-pressa tal-ilma (jista' jkun li tkun ġejja mill-instabbilita' fl-elettriku) l-ilma kien hiereg aktar minn hames bars, u ghalhekk tqaċċat il-coil minn mat-tank.

Is-socjeta' ntimata setghat tbiddel it-tank u daqshekk, pero' hija qalet lir-rikorrent illi l-probabilita' hija illi jerga' jiġri l-istess minhabba l-instabbilita' fil-pressa tal-ilma illi ghandu fid-dar tieghu.

Ma kienx tort tas-socjeta' ntimata li ġralu l-hsara iżda hija xorta offriet illi tbiddlu. Hija qed tissuġġerixxi illi r-rikorrent jiehu mudell B, pero' biex ikollu stabilita' fl-ilma ghandu bżonn jaghmel 'dual pump'.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

It-Tribunal jinnota illi fuq suġġeriment tieghu stess, il-partijiet regghu ltaqghu fuq il-post sabiex tiġi stabbilita l-problema tal-pressa tal-ilma jew oltre, wara liema s-socjeta' ntimata qablet illi kienet ser tipprovdi lir-rikorrent b'tank ġdid ta'mudell A. Illi wara din il-laqgha bejn il-partijiet, gie konkluż illi r-rikorrent fil-fatt ma kellux il-problema bil-pressa tal-ilma hekk kif kienet allegat is-socjeta' ntimata u li ghalhekk hija kienet lesta illi tfornieh b'tank ġdid hekk kif kien gie miftiehem. It-Tribunal jinnota pero' illi sa l-ahhar udjenza quddiemu, dan l-imsemmi ftehim kien ghadu ma rriżultax.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u in vista tal-ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' ntimata tipprovdi lir-rikorrent b'tank ġdid ta' mudell A u tinstalla l-istess kollox a spejjez taghha, u thallas l-ammont ta' erbgha u erbghin Ewro (€44.00) lir-rikorrent bhala kumpens ghall-ilma li nhela' fix-xahar ta' April 2013, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata. It-Tribunal ma jistax ma jikkummentax dwar il-mod deplorevoli kif is-socjeta' ntimata gabet ruhha fil-konfront tar-rikorrent, billi waslet biex toffri lir-rikorrent dak li huwa kien talabha originarjament qabel biss kienet giet istitwita il-kawza in dezamina, u ghalhekk, wara li ra l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna lis-socjeta' ntimata thallas ukoll l-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) lir-rikorrent bhala danni morali ghall-ansjeta' u l-inkonvenjenza kkawzata lilu mill-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**